MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-13 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 101/2004

Bella Hili
vs
Michael Fenech u b’digriet tas-7 ta’ Mejju 2004 giet korrett ghal Michael Micallef, Frans Fenech, L-avukat Dr. Reuben Farrugia, Meli Car Rentals Limited, Anthony Camilleri, Kevin Xuereb Vella, Anthony Meli

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta’ l-attrici li biha ppremettiet:

Illi permezz ta’ digriet mahrug mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-5 ta’ Gunju 2002 kienet giet akkordata t-talba li ghamlet il-kumpanija konvenuta Meli Car Rentals Limited ghall-hrug ta’ mandat ta’ qbid kawtelatorju fl-ismijiet **Meli Car Rentals Limited vs Paul Hili** [numru 446/02] ghas-somma ta’ elf erba’ mija u wiehed u disghin lira Maltija u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm1,491.22);

Illi fis-16 ta’ Lulju 2002 il-mandat kien gie ezegwit gewwa l-fond numru hamsa u erbghin (45), Dolphin Buildings, Flat 2, Marina Street, Pieta`, il-post indikat mis-socjeta` konvenuta fejn kellha ssir l-esekuzzjoni;

Illi l-access ghal gewwa l-fond kien sar permezz ta’ zgass fl-assenza tad-debitur;

Illi l-konvenuti Frans Fenech u Michael Micallef kienu l-marixxalli nkarigati mill-ezekuzzjoni ta’ l-imsemmi mandat;

Illi waqt l-ezekuzzjoni tal-mandat kien irrizulta li kien hemm ukoll prezenti, Anthony Meli [li kien gie nkarigat bhala kunsinnatarju mis-socjeta` Meli Car Rentals Limited u familjari tad-diretturi tal-kumpanija], l-avukat Dr. Reuben Farrugia [l-avukat difensur tas-socjeta` Meli Car Rentals Limited u ufficjal ta’ l-istess kumpanija], rapprezentant tal-kreditur u l-konvenuti Anthony Camilleri u Kevin Xuereb Vella li huma impjegati tas-socjeta` konvenuta Meli Car Rentals Limited;

Illi kellu jirrizulta mill-provi, waqt l-ezekuzzjoni tal-mandat minn gewwa l-fond 45, Dolphin Buildings, Flat 2, Marina Street, Pieta`, kienu ttiehdu diversi oggetti li ma kienux gew elenkati fir-riferta li kienu ghamlu l-marixxalli tal-Qorti u li sal-lum kienu baqghu ma nstabux;

Illi l-oggetti li kienu gew elevati kellhom valur li jizboq bil-bosta l-valur li ghalih kien sar il-mandat ta’ qbid fuq imsemmi;

Illi l-oggetti li kienu nstabu gewwa l-imsemmi fond kienu kollha proprjeta` ta’ l-attrici li kienet l-eredi ta’ ommha;

Illi l-konvenuti debitament interpellati biex jirritornaw l-imsemmija oggetti kienu baqghu inadempjenti;

L-attrici talbet lill-Qorti biex:

1. Tikkundanna lill-konvenuti jew lil minnhom sabiex fi zmien qasir u perentorju li tiffissa l-Qorti, jirritornaw l-oggetti kollha li ttiehdu minn gewwa l-fond 45, Dolphin

Buildings, Flat 2, Marina Street, Pieta` u li ma tnizzlux fir-riferta li kienet saret mill-konvenuti Frans Fenech u Michael Micallef, liema oggetti kienu elenkati fil-lista prezentata mac-citazzjoni **[Dokument BH1].**

2. Fin-nuqqas tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex ihallsu lill-attrici dik is-somma li tigi likwidata mill-Qorti [jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi] bhala valur ta' l-imsemmija oggetti.

3. Tiddikjara lill-konvenuti jew lil min minnhom responsabbli ghad-danni sofferti mill-attrici minhabba l-agir illegali taghhom.

4. Tillikwida d-danni hekk sofferti jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.

5. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex ihallsu dik is-somma li tigi hekk likwidata.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju pprezentat fil-21 ta' Mejju 2003, kontra l-konvenuti li gew imharrkin in subizzjoni u b'rizerva ghal kull azzjoni ulterjuri ghad-danni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-attrici.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' ***Meli Car Rentals Limited, Anthony Camilleri, Kevin Xuereb Vella, Anthony Meli u Dr. Reuben Farrugia*** li eccepew:

1. Illi, preliminarjament, ic-citazzjoni odjerna kienet nulla peress illi kienet kompletament nieqsa minn tifsira cara u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba attrici ghall-hlas tad-danni.

2. Illi, wkoll in linea preliminari, l-ewwel u t-tieni talbiet attrici kienu nulli u inammissibbli u dana stante li ma kienux preceduti b'talba dikjaratorja li l-oggetti msemmija mill-attrici kienu proprjeta` tal-istess attrici,

talba illi - kieku saret - kienet tkun kontestata mill-konvenuti.

3. Illi, ukoll in linea preliminari, it-talbiet attrici ma kienux preceduti b'talba dikjaratorja li l-agir tal-konvenuti, jew min minnhom, ma kienx skond il-Ligi u kif ukoll stante li ma kienux preceduti b'talba dikjaratorja li l-konvenuti, jew min minnhom, effettivament kienu jinsabu fil-pussess ta' xi oggetti proprjeta` tal-attrici.

4. Illi, ukoll in linea preliminari, it-tielet, ir-raba' u l-hames talbiet attrici li jirrigwardaw id-danni riklamati mill-attrici (separatament allura mill-pretenzjonijiet taghha dedotti fl-ewwel u t-tieni talba taghha) kienu kollettivament insostenibbli ghaliex imkien ma huwa specifikatament identifikat l-att ritenut mill-attrici bhala dannuz, u l-oggett u r-raguni tad-danni reklamati.

5. Illi, wkoll in linea preliminari, kien gie eccepit illi l-gudizzju ma kienx integru minhabba l-assenza f'dawn il-proceduri ta' Paul Hili, debitur tal-imsemmi mandat li *inter alia* kien (korrettament safejn jifhmu l-konvenuti) kien indika lill-konvenuti l-indirizz fejn saret l-ezekuzzjoni bhala l-indirizz tar-residenza tieghu u b'dan il-mod kien ipprecipita s-sitwazzjoni llum meritu tal-kawza.

6. Illi kien gie rilevat u eccepit illi r-responsabbilita` kollettiva ghad-danni akwiljani, implicita fit-talbiet attrici, kienet ripunjanti ghas-sistema guridka Maltija u hija indossata biss f'cirkostanzi li la gew permessi mill-attrici u wisq anqas kienu graw fir-realta`.

7. Illi, fil-mertu kien eccepit illi t-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex il-konvenuti ma kienu b'ebda mod responsabbli ghall-lanzjani tal-attrici allegati minnha jew ghad-danni minnha pretizi.

8. Illi l-operat tal-konvenuti kien jikkonforma perfettament mal-Ligi u l-konvenuti ma kienu jafu xejn u ma kienu jistghu jirrispondu xejn dwar oggetti li l-assenza (u l-ezistenza anticedenti) taghhom kienet allegata mill-attrici u dan peress illi ebda wiehed mill-konvenuti, bl-

eccezzjoni tal-konsenjatarju Anthony Meli, ma kien ircieva l-konsenja jew altrimenti dahal fil-pussess ta' xi oggetti li kienu jinsabu fil-fond fejn kienet saret l-ezekuzzjoni tal-mandat.

9. Illi l-imsemmi konvenut Anthony Meli kien accetta biss l-oggetti li gew konsenjati lilu bhala konsenjatarju u kien regolarment zamm u dilgentement ippreserva l-oggetti hekk konsenjati lilu u dan kif kellu jigi stabbilit u accertat fi proceduri separati intavolati mid-debitur tal-mandat ezegwit Paul Hili.

10. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-Ligi u b'riserva ghal kull azzjoni spettanti lill-konvenuti ghad-danni sofferti mill-konvenuti minhabba l-allegazzjonijiet tal-attrici.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenuti.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' ***Frans Fenech*** li eccepixxa:

Illi t-talbiet attrici kif diretti kontra tieghu kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi huwa ma kellu jirritorna lura ebda oggett kif mitlub mill-attrici u ma kellu jhallas ebda danni konsegwenti l-allegati nuqqasijiet reklamati mill-attrici fl-ewwel talba taghha fic-citazzjoni u dan peress illi: (a) dawk l-oggetti kollha li kienu gew elevati in ezekuzzjoni tal-mandat ta' qbid kawtelatotju numru 446/2002 fl-ismijiet "Meli Car Rentals Limited vs Paul Hili" kienu l-istess oggetti li kienu gew imnizzla fir-riferta li kienet riferta dettaljata u spjegattiva; (b) minbarra dawk l-oggetti li kienu gew elevati u miktuba fir-riferta l-konvenut ma kien eleva jew ha mieghu ebda oggett iehor mill-fond fejn fih kienet giet ezegwita l-ezekuzzjoni ta' dan il-mandat ta' qbid ("fond de quo"); (c) dawk l-oggetti kollha li kienu gew elevati mill-fond de quo kienu gew elevati fil-prezenza tax-xhieda Anthony Camilleri u Kevin Xuereb Vella, liema xhieda

kienu ffirmaw ukoll ir-riferta flimkien mal-konvenut u mal-Marixxal li kien responsabbli mill-ezekuzzjoni tal-mandat cioe` Michael Micallef; (d) l-oggetti li kienu gew elevati kienu gew debitament konsenjati lill-konsenjatarju Anthony Meli u l-oggetti (ta' natura prezzjuza) li kienu jinsabu f'basket uniku prelevat minn safe li kien fil-fond de quo kienu gew mehuda fit-Taqsima tad-Depoziti tal-Qrati Superjuri fejn l-oggetti kienu gew elenkati u deskritti u sussegwentement maghluqa f'kaxxa tal-kartun li kienet giet issigillata bl-incira hamra u marbuta bit-tape u mehuda ghad-depozitu ghand il-Monte di Pieta` u (e) wara li l-oggetti elevati kienu gew konsenjati lill-konsenjatarju Anthony Meli, il-konvenut kien assista ghall-eghluq tal-bieb ta' barra tal-fond de quo u ghad-depozitu tac-cwievet ta' l-istess fond taht l-Awtorita` tal-Qorti.

2. Illi l-konvenut ma kienx il-Marixxal inkarigat mill-ezekuzzjoni tal-mandat ta' qbid de quo, izda kien qed jassisti lill-Marixxal Michael Micallef fl-ezekuzzjoni ta' l-istess mandat.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut kien qeda' l-inkarigu tieghu b'mod diligenti, responsabbli u skond il-ligi u huwa ma kien irreka ebda dannu lill-attrici kif pretiz minnha. Il-konvenut ma kienx responsabbli kemm ghall-kawza tad-dannu allegat mill-attrici kif ukoll ghall-konsegwenzi allegati minnha u b'hekk il-konvenut ma kellu jirritorna lura jew ihallas xejn lill-attrici ghaliex hu ma kien ha xejn aktar minn dak li huwa kien indikat fir-riferta. Dak li kien gie mehud mill-fond de quo kien inghata rendikont tieghu fir-riferta u fil-lista ta' oggetti annessa mac-cedola ta' depozitu ta' oggetti prezjuzi 1/2002 u mmarkata bhala "Dok "A".

B'rizerva ta' kull azzjoni spettanti lill-konvenut kontra ta' l-attrici, inkluz minhabba l-allegazzjonijiet ingurjuzi, fierha u gratuwiti maghmula minnha kontra tieghu mill-istess attrici.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Michael Micallef.

It-talbiet attrici kif diretti kontra tieghu huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi huwa ma kellu jirritorna lura ebda oggett kif mitlub mill-attrici u ma ghandu jhallas ebda danni konsegwenti l-allegati nuqqasijiet reklamati mill-attrici fl-ewwel talba taghha fic-citazzjoni u dan peress illi (a) dawk l-oggetti kollha li kienu gew elevati in ezekuzzjoni tal-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 446/2002 fl-ismijiet "Meli Car Rentals Limited vs Paul Hili" kienu l-istess oggetti li kienu gew imnizzla fir-riferta li kienet riferta dettaljata u spjegattiva; (b) minbarra dawk l-oggetti li kienu gew elevati u miktuba fir-riferta l-konvenut ma kien eleva jew ha mieghu ebda oggett iehor mill-fond fejn fih kienet giet ezegwita l-ezekuzzjoni ta' dan il-mandat ta' qbid ("fond de quo"); (c) dawk l-oggetti kollha li kienu gew elevati mill-fond de quo kienu gew elevati fil-prezenza tax-xhieda Anthony Camilleri u Kevin Xuereb Vella, liema xhieda kienu ffirmaw ukoll ir-riferta flimkien mal-konvenut u mal-Marixxal li kien qed jassisti l-ezekuzzjoni tal-mandat cioe` Frans Fenech; (d) l-oggetti li kienu gew elevati kienu gew debitament konsenjati lill-konsenjatarju Anthony Meli u l-oggetti (ta' natura prezzjuza) li kienu jinsabu f'basket uniku prelevat minn safe li kien fil-fond de quo kienu gew mehuda fit-Taqsima tad-Depoziti tal-Qrati Superjuri fejn l-oggetti kienu gew elenkati u deskritti u sussegwentement maghluqa f'kaxxa tal-kartun li kienet giet issigillata bl-incira hamra u marbuta bit-tape u mehuda ghad-depozitu ghand il-Monte di Pieta` u (e) wara li l-oggetti elevati kienu gew konsenjati lill-konsenjatarju Anthony Meli, l-konvenut kien assista ghall-eghluq tal-bieb ta' barra tal-fond de quo u ghad-depozitu tac-cwievet ta' l-istess fond taht l-Awtorita` tal-Qorti.

2. Illi l-konvenut kien qeda' l-inkarigu tieghu b'mod diligenti, responsabbli u skond il-ligi u huwa ma kien irreka ebda dannu lill-attrici kif pretiz minnha. Il-konvenut ma kienx responsabbli kemm ghal-kawza tad-dannu allegat mill-attrici kif ukoll ghall-konsegwenzi allegati minnha u

b'hekk il-konvenut ma ghandu jirritorna lura jew ihallas xejn lill-attrici ghaliex hu ma kien ha xejn aktar minn dak li huwa kien indikat fir-riferta. Dak li kien gie mehud mill-fond de quo kien inghata rendikont tieghu fir-riferta u fil-lista ta' oggetti prezentata mac-cedola ta' depozitu ta' oggetti prezjuzi 1/2002 u mmarkata bhala "Dok "A".

B'rizerva ta' kull azzjoni spettanti lill-konvenut kontra ta' l-attrici, inkluz minhabba l-allegazzjonijiet ingurjuzi, fierha u gratuwiti maghmula minnha kontra tieghu mill-istess attrici.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici li fiha semmiet li permezz ta' digriet mahrug mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-5 ta' Gunju 2002 kienet giet akkordata t-talba li ghamlet il-kumpanija konvenuta Meli Car Rentals Limited ghall-hrug ta' mandat ta' qbid kawtelatorju fl-ismijiet **Meli Car Rentals Limited vs Paul Hili** [numru 446/02] ghas-somma ta' elf erba' mija u wiehed u disghin lira Maltija u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm1,491.22). Fis-16 ta' Lulju 2002 il-mandat kien gie ezegwit gewwa l-fond numru hamsa u erbghin (45), Dolphin Buildings, Flat 2, Marina Street, Pieta`, il-post indikat mis-socjeta` konvenuta fejn kellha ssir l-esekuzzjoni. Sostniet li s-socjeta` konvenuta kienet taf li l-post ma kienx ir-residenza tad-debitur taghha, Paul Hili. Ziedet li l-access ghal gewwa l-fond kien sar permezz ta' zgass fl-assenza tad-debitur u minghajr qatt ma ntalab l-awtorizazzjoni tal-Qorti ghall-elevazzjoni ta' l-oggetti. Il-konvenuti Frans Fenech u Michael Micallef kienu l-marixxalli nkarigati mill-ezekuzzjoni ta' l-imsemmi mandat. Waqt l-ezekuzzjoni tal-mandat jirrizulta li kien hemm ukoll prezenti, Anthony

Meli [li kien gie nkarigat bhala kunsinnatarju mis-socjeta` Meli Car Rentals Limited u familjari tad-diretturi tal-kumpanija], l-avukat Dr. Reuben Farrugia [l-avukat difensur tas-socjeta` Meli Car Rentals Limited u ufficjal ta' l-istess kumpanija], rapprezentant tal-kreditur u l-konvenuti Anthony Camilleri u Kevin Xuereb Vella li huma mpjegati tas-socjeta` konvenuta Meli Car Rentals Limited.

Qalet li waqt l-ezekuzzjoni tal-mandat minn gewwa l-fond 45, Dolphin Buildings, Flat 2, Marina Street, Pieta`, kienu ttiehdu diversi oggetti li ma kienux gew elenkati fir-riferta li kienu ghamlu l-marixxalli tal-Qorti, uhud minn liema instabu u ghadhom fil-pussess tal-kunsinnatarju Anthony Meli, u ohrajn ghadhom nieqsa sal-lum. Illi mill-fond kienu ttiehdu wkoll oggetti tad-deheb li ma kienux gew elenkati mill-marixxalli tal-Qorti fir-riferta li kienu ghamlu u li ggib id-data tas-16 ta' Lulju 2002, u meta kienu gew depozitati fil-Qorti ma kienx gie inkluz id-deheb kollu li kien ittiehed minn gewwa l-imsemmi fond. L-oggetti li kienu nstabu gewwa l-imsemmi fond kienu kollha proprjeta` ta' l-attrici li hija l-eredi ta' ommha.

Gie pprezentat affidavit ta' <u>Bella Hili</u> fejn fih semmiet li hi bint il-mejta Teresa Hili li mietet fis-26 ta' Jannar 2003 u dak iz-zmien li kien sar il-mandat kienet toqghod zewg bibien 'l isfel minn ommha u cioe` 95, Flat 2, Marina Street, Pieta. Qalet li ommha kienet qed toqghod ghand is-sorijiet minhabba sahhitha u hi kuljum kienet tmur ghandha kemm meta kienet toqghod hemm kif ukoll meta marret ghand is-sorijiet. Ziedet li hi qatt ma hadet lil hadd inaddaf ghand ommha u hadd ma kellu access ghad-dar hlief hi u huha. Semmiet li fid-dar ta' ommha kien hemm sala kompluta u kamra tal-pranzu armati bil-linef, vetrina, figorini, pitturi, librerija, kotba, mejda tal-pranzu tal-kewba, zewg siggijiet u posapjatti. Qalet ukoll li fid-dar kien hemm ukoll kamra ohra b'zewg pultruni antiki u xi inkwatri antiki li kienu haduhom ukoll u kellha wkoll ***safe*** li kien hemm basket bid-deheb go fih.

Qalet li kien cempillha huha u qalilha li ma setax jidhol id-dar ta' ommu ghax kien hemm karta tal-Qorti li kienet tghid li kien sar zgass u li c-cwievet kienu qeghdin il-Qorti.

Qalet li kienet cemplet lil Dr. Anna Mallia u ghamlu rikors sabiex jirtiraw ic-cwievet liema rikors dam xi jumejn jew tlett ijiem biex sar minhabba li l-Magistrat ried jisma' lill-kontro-parti. Semmiet li f'dawk il-jiem hadd minnhom ma seta' jidhol id-dar. Qalet li meta gabu c-cwievet mill-Qorti u hi u huha dahlu d-dar sabu stragi u l-affarijiet antiki kollha inkluz id-deheb mis-sejf kollha kienu ghebu. Ipprezentat ***video*** li kienet hadet meta dahlu d-dar u lista ta' l-affarijiet li sabet nieqsa.

Semmiet li meta saru jafu li dak kien gara fuq mandat ta' qbid kawtelatorju kontra huha minn Meli Car Rentals Limited ghal ammont ta' Lm1,491.22c hi baqghet skantata ghax l-oggetti li kienu hadu kienu jiswew eluf kbar ta' liri. Qalet li wara saret taf, mill-elenku tal-affarijiet maqbuda, li prezenti ghall-ezekuzzjoni kien hemm Nazzareno sive Reno Meli, huh Anthony Meli li kien il-konsenjatarju, Dr. Reuben Farrugia l-avukat tas-socjeta` Meli Car Rentals Limited u zewg impjegati ta' l-istess socjeta` Kevin Xuereb Vella u Anthony Camilleri. Hi u huha qatt ma kienu gew mitluba jattendu. Sostniet li ghand il-konsenjatarju kienu nstabu affarijiet nieqsa mid-dar li ma kienux elenkati fil-lista tal-marixxall. Qalet ukoll li kien giet appuntat espert iehor li kien John Mallia li kien ghamel elenku tal-gojjelli li kienu hadu u ghamlu l-Monti di Pieta`.

Ikkalkulat li l-ammont tal-affarijiet neqsin kien jammonta ghal Lm150,000 u dan minhabba li kien hemm inkwadru ta' skola ta' Mattia Preti, kapsola tal-fidda li kienet kbira tant li ommha kienet tislifa s-sepulkru ghas-sagrament, kaffettiera tal-fidda ta' Malta u kellha r-ritratti ta' l-inkwatru u tal-figorini neqsin wkoll. Qalet li sal-lum kull ma hadet lura kien dak li kien gie elenkat mill-esperti Camenzuli u Mallia.

Gie pprezentat affidavit ta' <u>Paul Hili</u> fejn fih intqal li hu iben il-mejta Teresa Hili u dak iz-zmien li kien sar il-mandat kien joqghod zewg bibien 'l isfel minn ommu. Qal li ommu kienet qed toqghod ghand is-sorijiet minhabba sahhitha u hu kuljum kien imur ghandha kemm meta kienet toqghod hemm kif ukoll meta marret ghand is-sorijiet. Semma li fid-dar ta' ommu kien hemm sala kompluta u kamra tal-

pranzu armati bil-linef, vetrina, figorini, pitturi, librerija, kotba, mejda tal-pranzu tal-kewba, zewg siggijiet u posapjatti. Semma li f'dawk il-jiem hadd minnhom ma seta' jidhol id-dar. Qal li meta gabu c-cwievet mill-Qorti u hu u ohtu dahlu d-dar sabu stragi u l-affarijiet antiki kollha inkluz id-deheb mis-sejf kollha kienu ghebu. Ipprezenta video li kienet ha meta dahlu d-dar u lista ta' l-affarijiet li sab nieqsa.

Semma li meta saru jafu li dak kien gara fuq mandat ta' qbid kawtelatorju kontrih minn Meli Car Rentals Limited ghal ammont ta' Lm1,491.22c hu baqa' skantat ghax l-oggetti li kienu hadu kienu jiswew eluf kbar ta' liri. Qal li wara sar jaf, mill-elenku tal-affarijiet maqbuda, li prezenti ghall-ezekuzzjoni kien hemm Nazzareno sive Reno Meli, huh Anthony Meli li kien il-konsenjatarju, Dr. Reuben Farrugia l-avukat tas-socjeta` Meli Car Rentals Limited u zewg impjegati ta' l-istess soejeta` Kevin Xuereb Vella u Anthony Camilleri. Hu u ohtu qatt ma kienu gew mitluba jattendu. Qal li ghand il-konsenjatarju kienu nstabu affarijiet nieqsa mid-dar li ma kienux elenkati fil-lista tal-marixxall. Qal ukoll li kien giet appuntat espert iehor li kien John Mallia li kien ghamel elenku tal-gojjelli li kienu hadu u ghamlu l-Monti di Pieta`.

Gie pprezentat affidavit ta' Carmelina sive Lina Schembri li fih intqal li hi tigi n-neputija ta' Teresa Hili li mietet fis-26 ta' Jannar 2003 u hi trabbiet maghha. Iddikjarat li l-oggetti li kien hemm murija fir-ritratti li gew prezentati ma' l-affidavit flimkien mad-dehebijiet kienu kollha proprjeta` tal-mejta Teresa Hili.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi b'din il-kawza, l-attrici qed titlob li jigu ritornati oggetti li allegatament ittiehdu mill-konvenuti minn gewwa l-fond 45, Dolphin Buildings, Flat 2, Marina str, Pieta`, stante li sostniet li tali oggetti ma kinux elenkati fil-lista ta' oggetti ghal mandat ta' qbid li kien ordnat permezz ta' digriet mahrug mill-Qorti tal-Magistrati fil-5 ta' Gunju 2002. Illi ghal din l-azzjoni l-konvenuti laqghu, fost eccezzjonijiet ohrajn, billi ecceppew in-nullita` tac-citazzjoni stante li din

hija kompletament nieqsa minn tifsira cara u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba.

**L-ewwel eccezzjoni:**

Illi l-Artikolu 156 tal-Kap 12 jipprovdi li c-citazzjoni ghandu jkun fiha:

(a) tifsir car u sewwa ta’ l-oggett u r-raguni tat-talba; u

(b) it-talba jew talbiet.

Indiskutibbilment, il-Qorti ghandha meta tista’, li zzomm hajja citazzjoni, ikun ferm ahjar milli jigu dikjarati nulli citazzjonijiet biex wara jigu ntavolati citazzjonijiet ohra. Ukoll, illi hemm il-kuncett li formalizmi zejda ma ghandhomx jigu wzati. Fl-istess hin, idealment, l-att gudizzjarju ghandu jkun car u preciz kemm jista’ jkun. Ghalhekk, jinkombi fuq il-Qorti li f’kazijiet ta’ din in-natura tanalizza n-natura ta’ l-inkorrettezzi fic-citazzjoni u jekk dawn humiex ta’ natura gravi.

Ic-citazzjoni ghandu jkun fiha mfissrin car u sewwa l-oggett u r-raguni tat-talba taht piena ta’ nullita` fin-nuqqas. (Ara **Giuseppe di T Demajo vs Eduardo Camilleri** PA 24-Dic-1911, u **Emma Scicluna vs Mary Xuereb et** Appell 22-Mejju-1967). Izda, ta’ min ighid li tali disposizzjoni tal-ligi rceviet fil-gurisprudenza interpretazzjoni larga, fis-sens li ma giex addottat ir-rigur li donnhom ifissru l-kliem tal-ligi.

F’diversi kazijiet naraw din l-interpretazzjoni tal-Qrati. Fil-kawza **Marianna Muscat vs Dr. Joseph Cassar** deciza mill-Prim Awla fid-9 ta’ Marzu 1965, intqal li citazzjoni m’ghandhiex tigi ritenuta nulla hlief ghal ragunijiet gravi. Permezz ta’ dan il-kaz giet applikata t-teorija maghrufa bhala tal-ekwipollenti li nisslet il-principju li mhiex mehtiega ebda ghamla espressa ghall-proposizzjoni tal-azzjoni.

Illi dwar l-element ta’ kjarezza fl-att tac-citazzjoni, il-ligi ma tinsistix fuq formola preciza jew kliem partikolari, u sakemm it-talba tkun tista’ tinftiehem, ma jimpurtax jekk il-kawzali tkunx imfissra b’mod xott jew tista’ tigi mifhuma jew implikata mit-talba nnifisha. Dan gie enuncjat fil-

kawza **Av. Dr. Carlo Moore noe vs Perit C. Falzon et** deciza mill-Prim Awla fil-15 ta' Dicembru 1995.

L-istess inghad fis-sentenza tal-Appell Kummercjali fl-ismijiet **Carmelo Bonnici vs Eucharistic Zammit noe** tal-20 ta' Jannar 1986:
"Illi l-Artikolu 156(1) jipprovdi li l-oggett u r-raguni tat-talba gudizzjarja ghandhom ikunu mfissra car u sewwa fic-citazzjoni. Dan ma jfissirx pero` li kwalunkwe nuqqas ***da parte*** ta' l-attur ghandu mill-ewwel jigi mehud fis-sens li qed imur kontra d-dispost ta' l-Artikolu 155(1) (illum 156(1) tal-Kap.12) u ghalhekk igib mieghu n-nullita` tac-citazzjoni. Infatti biex citazzjoni tigi mwaqqfa jrid ikun hemm raguni gravi, u fost kollox, ghandu jigi ezaminat jekk ic-citazzjoni tkunx defugenti jew zbaljata b'mod li l-konvenut ikun jista' jigi pregudikat fid-difiza tieghu. Dan apparti li c-citazzjoni ghandha tigi ezaminata fit-totalita` taghha u mhux spezzettata".

Gie ritenut ukoll fil-kawza **Jos. G. Coleiro vs Dr. Joseph Ellul** deciza mill-Prim Awla fl-14 ta' Frar 1967, li biex att ta' citazzjoni jghaddi mill-prova tal-validita` huwa bizzejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta' min harrikha.

Biex twassal ghan-nullita` ta' atti gudizzjarji hemm bzonn li tali nuqqas ikun li ma jistax jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta' gustizzja procedurali. (Ara Appell Civili Superjuri **Ellul E. vs Agnese Gera de Petri** 21 ta' April 1995). Difett procedurali ma jgibx in-nullita` ta' l-att jekk il-parti l-ohra ma tbatix xi pregudizzju serju. (Ara **Attard Michael vs Raymond Galea** Appell Civili Superjuri 12 ta' Mejju 1998). Biex tigi dikjarata nulla citazzjoni u jitwaqqaf il-kors taghha jinhtieg li jkunu jikkonformu ragunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta' evidenti pregudizzju ghad-difiza tal-konvenut. (Ara **Francis Xavier sive Mose` Aquilina vs Carmela sive Lina Aquilina** Appell Civili Superjuri 21 ta' Marzu 1988).

Gie deciz ukoll fis-7 a' Marzu 1955 (Vol XXXIX.II.597) illi ghalkemm fic-citazzjoni l-kawzali tkun dedotta b'mod lakoniku,

"ic-citazzjoni ma tkunx nulla jekk il-kawzali tkun imfissra tajjeb u sakemm ma tkunx difettuza talment li minhabba f'hekk il-konvenut, jigi pregudikat, ghaliex ma jkunx jista' jiddefendi ruhu…."

F'dan il-kuntest, ta' min ighid, li l-kazijiet li fihom l-eccezzjoni tan-nullita` ta' atti gudizzjarji tista' tinghata huma dawk imsemmija fis-subartikolu 789 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-erba' cirkostanzi msemmija f'dan l-artikolu huma tassattivi, fis-sens li biex dik l-eccezzjoni ta' nullita` ta' att gudizzjarju tirnexxi trid bilfors taqa' taht il-parametri ta' xi wahda minnhom. Fil-kaz in ezami, l-konvenuti ghamlu referenza ghall-paragrafu (c) tas-sub-artikolu(1) tal-artikolu 789. Illi l-ksur tal-forma mehtiega trid tigi abbinata mal-principju li l-parti mharrka trid tinghata l-fakolta` li tkun tista' tiddefendi kif jixraq lilha nnifisha mill-pretensjoni ta' min iharrikha. (Ara **Terry Ltd. vs Vica Ltd.** deciza mill-Prim Awla Qorti Civili fit-3 ta' Lulju 2002).

Nigu issa specifikament ghall-kaz in ezami. It-talba hi sabiex il-konvenuti jirritornaw l-oggetti mehuda mill-fond in kwistjoni, liema oggetti huma elenkati f'Dok BH1, u fin-nuqqas ta' dan, jigi kkundannat jhallsu somma ghad-danni. Il-konvenuti sostnew li fic-citazzjoni ma gewx indikati l-oggett u r-raguni tat-talba ghall-hlas tad-danni. Ghalkemm jista' jinghad li hemm certa ambigwita` u rekwiziti nieqsa, izda xorta jista' jinghad li hemm ness identifikabbli bejn il-premessi u t-talba. It-talba hi ghall-kundanna tal-konvenuti biex jirrestitwixxi l-oggetti jew ihallsu ghad-danni. U gie msemmi wkoll ghaliex il-konvenuti huma obbligati ghar-restituzzjoni, ghalkemm ma jissemma xejn dwar min ghandu titolu validu u legali fil-ligi, li jaghtih dritt jitlob ir-restituzzjoni ta' tali oggetti. Kif inghad fil-kawza, **Emma Scicluna vs Mary Xuereb et** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Mejju 1967:
"S'intendi f'citazzjoni, m'hemmx bzonn li jigu wzati formoli sagramentali biex titfisser il-kawzali. Imma hu necessarju illi jkun jirrizulta rapport ta' konnessjoni ragonevolment identifikabbli bejn il-premessi migjubin bhala l-kawza tat-talba u t-talba stess kif diretta kontra l-konvenut."

Illi tant tezisti din il-konnessjoni, ghalkemm b'certa ambigwita` u nuqqas ta' kjarezza, li l-konvenuti diga gharfu li l-azzjoni li trid tintuza fir-rigward tal-mertu tal-kawza, hija l-**actio rei vindicatoria**, hekk kif gie sollevat fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti.

Illi inghad ukoll fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Galleria Management Ltd. vs Derby International Ltd** fl-10 ta' Ottubru 2003:
"….bis-sahha tal-bidliet li saru fil-ligi bl-Att XXIV tal-1995, l-eccezzjoni ma tirnexxix lanqas (fejn mhix imsejsa fuq il-hrug tal-att gudizzjarju minn qorti li mhix kompetenti) jekk in-nuqqas jew ksur ikunu jistghu jissemmew taht kull disposizzjoni ohra tal-ligi.
Tifsira tajba ta' din id-disposizzjoni flimkien ma' l-isfond li fih il-legislatur wera li ried iqeghda, hija moghtija f'sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Salvino Busuttil et vs Agostino Baldacchino**, deciza fit-28 ta' Jannar 1998."

Illi f'dan il-kaz, il-ligi qeghda taghmel referenza ghall-bidliet li jistghu isiru f'att gudizzjarju bis-sahha tal-artikolu 175 tal-Kap 12, ukoll kif mibdul fl-1995.

Ghalhekk, il-prassi tal-Qrati nostrali, anke a bazi tal-emendi maghmula bl-Att XXIV tal-1995, inkluz il-kontenut tal-Artikolu 175 tal-Kap 12, hija li:
"il-formalizmu esagerat illi hafna gie mnaqqas u limitat u bir-ragun, il-ligi qeghda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formalizmu u n-nullitajiet ta' diversi forom li jinutnuh."

U konsegwentement, "l-atti ghandhom jigu salvati anzi che annullati jew dikjarati nulli". (ara **Malta Development Corporation vs Paul Licari** PA 22-April-2004; **Charles Fino vs Alfred Fabri noe** App 28-Frar-1997; **Maurizio Urso vs Fr. Charles Cini** PA 19-Jan-1999). Mill-atti, hemm elementi sufficjenti biex il-konvenuti, anke minn semplici qari tal-att tac-citazzjoni, jindunaw mill-ewwel il-kawzali li fuqha l-attrici qeghda tibbaza l-azzjoni taghha, u cioe` dik ta' talba ghar-restituzzjoni ta' oggetti li ttiehdu mill-fond li fih sar il-mandat ta' qbid.

Ghal dawn il-motivi tichad l-ewwel eccezzjoni.

**<u>It-tieni eccezzjoni:</u>**
Fit-tieni eccezzjoni l-konvenuti eccepew ukoll li l-ewwel u t-tieni talbiet attrici huma nulli stante li mhumiex preceduti b'talba dikjaratorja li l-oggetti msemmija mill-attrici huma proprjeta tal-istess attrici, u peress li ma saritx din id-dikjarazzjoni ma tistax tigi kontestata.

Huwa obbligu tal-Qorti li dejjem izzomm f'mohhha dak li tkun qedgha titlob l-attrici u f'dan ir-rigward tosserva li saret talba ghal kundanna tal-konvenuti jew lil minnhom sabiex fi zmien qasir u perentorju li tiffissa l-Qorti, jirritornaw l-oggetti kollha li ttiehdu minn gewwa l-fond 45, Dolphin Buildings, Flat 2, Marina Street, Pieta` u li ma tnizzlux fir-riferta li kienet saret mill-konvenuti Frans Fenech u Michael Micallef, liema oggetti kienu elenkati fil-lista prezentata mac-citazzjoni **[Dokument BH1];** fin-nuqqas tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attrici dik is-somma li tigi likwidata mill-Qorti [jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi] bhala valur ta' l-imsemmija oggetti; u li tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni sofferti mill-attrici minhabba l-agir illegali taghhom.

Minn dan kollu johrog car daqs il-kristall li t-talbiet attrici jistghu jissussistu biss jekk l-attrici ghandha interess guridiku liema interess guridiku irid jigi precedut b'dikjarazzjoni li l-imsemmija oggetti huma tal-attrici. Huwa veru li wiehed jista' jimmagina li l-intenzjoni tal-attrici kienet li ssostni li l-oggetti in kwistjoni kienu taghha izda dan ma ghamlitux u lanqas ghamlet talba ghal dikjarazzjoni f'dan il-kuntest. Din il-Qorti hi kontra l-formalizmi zejda kif jidher car mid-decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni, izda dan ma jistax iwassal li innehhu l-Kodicijiet u jigi trattat kollox b'mod legger.

Jidher li l-attrici tibbaza l-azzjoni odjerna fuq l-artikolu 322(1) ossia li:
"Bla hsara ta' fejn il-ligi tghid xort'ohra, is-sid ta' haga ghandu jedd jitlobha lura minghand kull possessur"

Huwa s-sid ta’ haga li ghandu d-dritt jitlobha lura izda hawn ma intqalx li hi s-sid, u lanqas ma hemm talba ghal dikjarazzjoni f’dan is-sens. Hemm bzonn li f’dan l-istadju l-Qorti taghmel analisi tal-elementi tal-***actio rei vendicatoria.***

L-estremi taghha huma li l-attur irid jipprova d-dominju tieghu fuq il-haga minnu rivendikata u li huwa akkwista dak id-dominju legittimament, u li l-konvenut jippossjedi dik l-istess haga. Huwa stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna li, dwar l-ewwel rekwizit, il-prova trid tkun pjena u konvicenti, u li l-konvenut fl-azzjoni rivendikatoria m’ghandux bzonn jaghmel ebda prova sakemm ma jigix pruvat id-dominju tar-rivendikat fuq il-haga. L-attur f’din il-kawza, ghalhekk, ghandu l-oneru li jipprova li l-proprjeta` meritu tal-kawza hi tieghu, u mhux li dik il-proprjeta` mhix tal-konvenut.

Ikun utili li naraw, qabel xejn, il-principji legali li ghandna fil-gurisprudenza ta’ pajjizna, kif ukoll l-insenjament ta’ xi awturi li jissemmew fil-gurisprudenza taghna. Wahda mill-aktar sentenzi rikki tal-qrati ta’ pajjizna dwar l-azzjoni rivendikatoria u l-uzukapjoni hija s-sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-kompjant Imhallef William Harding fl-ismijiet **“Aloisia Fenech et vs Francesco Debono et”** fl-14 ta’ Mejju 1935 (Vol. XXIX - II - 488). Dina s-sentenza ma sar l-ebda appell minnha u saret sentenza finali. Fiha nsibu dan l-insenjament:

“Kif qalet dina l-Qorti fil-kawza **Abela vs Gauci,** maqtugha fl-1 ta’ Dicembru 1877 (Vol. VII - 367), il-konvenut, indipendentement min-natura tal-pusses tieghu, ghandu d-dritt illi jirrikjedi, l-ewwelnett, il-prova tal-proprjeta` mill-parti tar-rivendikant. Ighid a propositu l-**Laurent** (Volum VI pagna 160): “E dunque il suo diritto di proprieta` che il rivendicante deve provare. Finche` non fornisce questa prova, il convenuto non ha nulla a provare: egli puo` serbare il silenzio, e vincera` la lite per cio` solo che il rivendicante non avra` provato di essere proprietario. Cioe` universalmente ammesso dalla dottrina e dalla giurisprudenza”.

Dina l-prova tista' ssir, jew bl-esibizzjoni tat-titolu ta' l-akkwist jew bl-istess preskrizzjoni akkwizittiva jew bi kwalunkwe mezz iehor permess mill-ligi. L-istess awtur Laurent, wara li jitkellem fuq il-prova li tigi mit-titolu ta' l-akkwist ighid: "Colui che rivendica puo` altresi invocare la prescrizione".

Dak l-awtur ifakkar id-dubju ta' xi awturi fuq dana l-mezz tal-preskrizzjoni, dubju li hu bazat fuq ir-rifless li, una volta li l-uzukapjoni tippresupponi l-pusses tar-rivendikant, u una volta li l-azzjoni rivendikatorja ghall-kuntrarju tippresupponi l-pussess mhux fir-rivendikant imma fil-konvenut, per konsegwenza tidher haga kontradittorja li r-rivendikant, li ma ghandux il-pusses, jista' jinvoka l-preskrizzjoni bhala prova tad-dominju tieghu. Dana d-dubju huwa pero` aktar apparenti meta qalet: "Colui che col possesso di trent' anni ha gia' prescritto in favore proprio e perde poi il possesso, trova in tale prescrizione il titolo per poter sperimentare la "reivindicatio", purche` pero` l'attuale possessore non abbia a sua volta, prescritto in proprio favore (Fadda : idem paragrafo 577). Id-dominju jista' jigi, kif intqal, pruvat, fl-assenza ta' titolu u ta' l-uzukapjoni, anki b'mezzi ohra. Qalet il-gurisprudenza estera: "In mancanza di titoli, le questioni di proprieta` possono essere risolte col sussidio di presunzione e di urgenti argomenti di verosimilianza" **(Fadda,** paragrafu 589*)*; u inoltre (paragrafu 590): "la prova del dominio puo` farsi dal rivendicante anco per via di presunzione e congetture, in specie dove si tratti di rivendicare un dominio antico". Il-gurisprudenza taghna segwiet dawn l-istess principji, u fil-kawza **Attard vs Fenech,** maqtugha mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' April 1875 (Vol. VII 390) jinsab dikjarat illi: "in difetto di un titolo scritto, l'attore e ammesso a provare il suo dominio con qualunque altro mezzo permesso dalla legge…"

Dana qieghed jinghad ghaliex fid-Dritt Ruman, minbarra l-'actio reivindicatoria' kien hemm anki, introdotta mill-pretur fuq kriterji ta' ekwita`, l-'actio publicana'. Mentri fl-ewwel wahda, hemm bzonn il-prova tad-dominju, fit-tieni wahda hi bizzejjed prova ta' pussess ahjar minn tal-konvenut, fil-gurisprudenza Taljana gie spjegat "che il prinicipio che il

rivendicante deve provare rigorosamente il suo dominio era temperato in diritto romano dai principii dell'azione publicana, per cui nella rivendicazione prevleva quello dei contraenti che 'potiora jura ostendit'... **(Fadda,** paragrafu 63); u inoltre ntqal "che nei vigente diritto romano" (paragrafu 64). Il-gurisprudenza Maltija pero` ma jidhirx li segwiet il-gurisprudenza Taljana fuq daqshekk, malgrado l-kwazi identita` tad-disposizzjoni ta' l-artiklu 18 tal-ligi taghna u l-artiklu 439 tal-ligi Taljana, probabbilment ghaliex id-dritt Ruman baqa' dejjem wahda mill-aqwa fonti tad-Dritt taghna. Difatti, fil-kawza **Attard versus Fenech** fuq citata (Vol VII pagna 394) intqal "che e` ricevuta nel foro che le dette due azioni si possono cumulare e le disposizioni dell'Ordinanza VII del 1868 non hanno abolito o revocato le dette due azioni".

Meta l-konvenut jesibixxi pero` anki huwa titolu iehor, tigi ghaldaqstant il-kwistjoni liema minn dawn iz-zewg titoli ghandu jipprevali. Kieku z-zewg titoli gejjin mill-istess bejjiegh, allura kif osserva **l-Baudry**, ma jistax ikun hemm diffikulta`; il-konflitt jigi regolat bl-anterjorita` tat-traskrizzjoni, jew fin-nuqqas taghha, bl-anterjorita` tat-titolu stess (loco citato paragrafu 249 pagna 190). Il-**Baudry** jikkontempla dan il-kaz u jghid: "Quando I titoli emanano da autori diversi, l'attore trionfera` se stabilisce che nell'ipotesi di un processo nato tra i due autori, il suo prevalga su quello del convenuto" (pagna 190).

Il-prova li t-trasferiment fit-titolu esibit mir-rivendikant, kien proprjetarju, hi necessarja biss meta l-konvenut ikollu pussess anterjuri ghat-titolu. "Se il possesso dei convenuti" - ighid il-**Baudry** - "fosse anteriore al titolu emante dall'autore immediato dell'attore, questi dovrebbe risalire al passato in modo da produrre un titolo piu` antico, anteriore al possesso dell'avversario", hekk ukoll issentenzjat il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Maria Cassar versus Gio Antonio Trevisan,** maqtugha fl-4 ta' Dicembru 1879 (Vol. VIII - 899), meta qalet (pagna 901): quando il reo convenuto prova che il suo possesso e` anteriore al titolo che si produce a sostegno della domanda di rivendicazione proposta contro di lui, questo

titolo non basta da se solo ad appoggiare la domanda ed e` necessario che si esibiscono altri titoli piu` antichi”.

Id-duttrina fil-maggoranza taghha rriteniet illi l-azzjoni rivendicatoria ma tintilifx bil-kors ta’ tletin sena hlief meta f’dan iz-zmien ikun akkwista d-dritt tal-propjeta` haddiehor. F’ dina l-opinjoni jaqblu **l-Baudry** (Della prescrizione pagna 4422), il-**Pothier** (Prop. Nu. 276), **Aubrey et Rau, Colmet de Santerre** u awturi ohra citati fin-nota mill-istess **Baudry**. “Il vero e` che non vi e da fare nessuna distinzione tra il diritto vero e che non vi e` da fare nessuna disitinzione tra il diritto di proprieta` e l’azione di rivendicazione; la prescrizione non e’ possible contro l’uno e l’altro se non quando un terzo abbia posseduto per il tempo richiesto e nelle condizioni volute dalla legge”; hekk esprima ruhu **l-Baudry** ‘loco citato’.

F’azzjoni ta’ in rei vendicatoria l-gurisprudenza u d-duttrina huma pacifici fis-sens li l-gudikant ghandu jkun rigoruz u li kwalunkwe dubju, anki l-icken, ghandu jmur favur il-possessur konvenut. Il-gurisprudenza ippronunzjat ruhha f’ dan is-sens: “L’attore in rivendicazione deve provare in modo manifesto il diritto di proprieta` che reclama, e basta un semplice dubbio perche` il possesdore dell’immobile sia assolto dalla domanda” (con voce Proprieta` - 423). “L’attore rivendicante deve provare in modo positivo la proprieta` che reclama, e basta il semplice dubbio sulla pertinenza della proprieta` che reclama, e basta il semplice dubbio sulla pertinenza della proprieta` perche’ il convenuto che e` al possesso debba essere assolto dalla domanda” (idem - 424).

Illi xejn ma jfisser li l-konvenut ma jippruvax bl-ebda mod, li b’ titolu, la bil-preskrizzjoni, u lanqas b’mod iehor, li hu proprjetarju, ghaliex kif intqal “per oppore il non jus auctoris non e’ neccessario che il convenuto nella rivendicazione abbia un titolo di proprieta` da contrapporre all’attore ma basta che sia solamente possessore del fondo (Coen: idem - 436), u “il rivendicante non puo prevalersi dei vizi, che inficiano il titolo del possessore, in quanto cio` non vale a dimsotrare

che egli sia il proprietario" (idem - 437). Gie proklamat ukoll illi "il convenuto in rivendicazione trovandosi in possesso della cosa, non ha obbligo di fornire la prova della sua proprieta`, egli e` protetto dal suo possesso fintanto che il rivendicante non abbia provato la proprieta` della cosa che reclama" (idem - 447); u gie aggunt illi: "questa prova deve essere, non gia` semplicemente presuntiva o indiziaria, ma diretta, positiva, e tale da non lasciare luogo ad alcun dubbio". (- 448). L-istess dejjem irriteniet id-duttrina. Hekk ir-**Ricci** jghid: "se l'attore non dimostra che egli e` proprietario della cosa rivendica, non puo pretendere che il convenuto sia tenuto a consegnargliela sol perche` esso non e` in grado di giustificare il suo possesso. Imperocche` io ho il diritto di reclamare una cosa quando dimostro di esserne proepertatrio, e cio` in forza del vincolo che unisce la cosa a me, ma non ho nessun diritto che il terzo dia a me le cose che egli possiede senza alcun titolo, perche` usurperei; azione competente al proprietario delle medesime." Minn dan jigi li, anki jekk il-Qorti ma tkunx affattu sodisfatta mid-dritt tal-konvenut, hi ghandha tilliberah jekk ir-rivendikant ma jaghtix prova tad-dominju tieghu, li tkun ezenti mill-anqas dubju."

Certament jista' jinghad trankwillament illi l-principji fondamentali rigwardanti din il-materja jinsabu inkorporati f'din is-sentenza elaborata, li verament taghmel gieh lill-gudikatura Maltija.

Fis-sentenza moghtija fil-kawza **Buhagiar vs Borg** 17 ta' Novembru 1958, (Vol XLII - I – 569), il-Qorti ta' l-Appell irriteniet illi:

"Jekk l-oggett tal-kawza hu bicca art li qieghda fil-pusess tal-konvenut u li l-attur jippretendi li hi tieghu u jrid jehodha minn idejn il-konvenut, l-azzjoni esercitata mill-attur hi dik rivendikatorja.

F'din l-azzjoni, l-attur irid jipprova d-dominju, ossija l-proprjeta` fih tal-haga li jrid jirrivendika. Mhux bizzejjed li hu talvolta jipprova li dik il-haga mhix tal-konvenut, imma jehtieg li juri pozitivament li hi tieghu nnifsu, ghax 'melior

conditio possidendis’, u gie dejjem ritenut mill-Qrati taghna, fuq l-istregwa ta’ prinicipji annessi universalment mid-duttrina u mill-gurisprudenza, bazati fuq ligijiet bhal taghna, illi dik il-prova li hi ezatta mir-rivendikat hemm bzonn li tkun kompleta u konkluziva, b’mod li kwalunkwe dubju, anki l-icken, ghandu jmur favur il-possessur konvenut. U anki jekk il-Qorti ma tkunx affattu sodisfatta mid-dritt tal-konvenut, hi ghandha tilliberah jekk ir-rivendikant ma jaghtix prova tad-dominju tieghu li tkun ezenti mill-anqas dubju.”

Skond sentenza ohra **Cassar et vs Spiteri noe et** 28 ta’ April 1948, Vol XXXIII - 1 - 266, din id-darba moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili:

“L-azzjoni rivendikatorja ghandha bhala estremi d-dominji jew proprjeta` f’min jezercitaha u l-pussess tal-haga li trid tigi rivendikata ghand dak li kontra tieghu tigi ezercitata din l-azzjoni. Sakemm l-attur ma jippruvax li ghandu l-propjeta` tal-haga li jrid jirrivendika, ghandu jipprevali l-pussess tal-konvenut in forza tal-prinipju ‘possideo quia possideo’. L-elementi, jigifieri, li jkun jezisti fatt guridiku kapaci jaghti ezistenza lir-rapport bejn il-persuna u l-haga li fiha tikkonsisti l-proprjeta`, illi l-persuna li tkun qieghda tagixxi tkun is-suggett ta’ dak ir-rapport, li l-haga li fuqha jkun hemm il-pretensjoni kwantu ghal liema fatti guridici kapaci li jaghtu ezistenza ghar-rapport ikunu necessarji, huwa indifferenti li l-fatt ikun ta’ speci jew ohra, basta li jkun tali li minnu jista’ jsorgi fatt guridiku li jnissel mieghu l-proprjeta` jew id-dominju skond il-fatt guridiku li jkun. Imma l-prova ta’ elementi trid issir inkella l-istess ma jigix pruvat.”

Jinghad ukoll li dawn l-istess principji jinsabu wkoll f’gurisprudenza aktar recenti bhal fil-kawza fl-ismijiet **Chircop Pawlu et vs Micallef Rita et** deciza App Sup Civ fit-28 ta’ April, 2000 [LXXXIV-II-155] fejn jinghad li l-azzjoni ta' din ix-xorta titlob minn min jipproponiha prova djabolika fis-sens li l-attur ghandu jipprova lil hinn minn kull dubju li huwa l-propretarju ta' l-immobbli li qed jirrivendika. Minn naha tal-konvenut dan m'ghandux ghalfejn javvanza l-ebda difiza jew li jipprova xi titolu fuq l-

art fil-pusess tieghu sakemm l-attur ma jkunx ipprova li hu kien il-propretarju. Min jittanta azzjoni ***rei vindicatoria*** jista' wkoll jibbaza d-dritt tieghu fuq il-preskrizzjoni akkwisittiva. Ukoll fil-kawza deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet **Antonio Pace vs Rev Henry Abela** fis-7 ta' Lulju 2004 inghad:
"Fil-kaz tal-preskrizzjoni akkwisittiva trentennali ma hemmx bzonn il- “giusto titolo” u lanqas il-“buona fede” minhabba l-elementi tat-trapass taz-zmien u dak tal-pussess. Biex il-pussess trentennali jaghti lok ghall-uzukapjoni, hemm bzonn li ma jkunx ekwivoku, u li jkun “animo domini”. Gudikant ghandu jkun rigoruz fil-prova li jrid jaghmel l-attur."

Ukoll fil-kawza fl-ismijiet Louis Manduca vs Frances Manduca pro et noe deciza mill-Appell Civili Superjuri [LXVII-1-99] intqal li jekk l-oggett huwa immobbli li qieghed fil-pussess tal-konvenut u l-attur irid jiehdu minn idejn il-konvenut l-azzjoni ezercitata mill-attur hi dik rivendikatorja.

Dan iwassal li fil-kawza odjerna irid l-ewwel jigi stabbilit li:
- l-oggetti in kwistjoni huma ta' propjeta' tal-attrici;
- irid ikun hemm dikjarazzjoni tal-Qorti li l-oggetti fil-fatt huma tal-attrici;
- trid ssir dikjarazzjoni mill-Qorti li l-oggetti in kwistjoni huma fil-pussess tal-konvenuti ; din hi fundamentali biex it-talbiet taghha jistghu jissussistu;
- x'tip ta' pussess hu – hu wiehed legali jew le.

F'kawza simili u cioe` dik deciza fil-31 ta' Jannar, 2001 [Citaz. Nru. 2197/99GV] fl-ismijiet **D & M Enterprises Limited vs Adrian Grima f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Bristow Potteries Limited** intqal:
“Fi kliem semplici l-konvenuti qed jissottomettu li l-Qorti ma tistax tiddikjara li jezisti d-dritt ta' awtur jekk dana ma intalbitx li taghmlu mis-socjeta' attrici fic-citazzjoni taghha.

Illi mill-ezami tac-citazzjoni attrici fil-fatt ma jirrizultax li hemm domanda simili. Kull ma hemm hu li fit-tielet paragrafu hemm premess li l-kumpanija ghandha d-

drittijiet ta' l-awtur fuq dawn id-disinji uzati fuq dawn l-ingravati. Din hi premessa li trid tigi sostanzjata u pruvata.

Meta persuna tohrog mandat ta' inibizzjoni hija ghandha taghmel kawza ghal jedd imsemmi fil-mandat (Art 843 Kap 12). Hi ghandha dritt li titlob lill- Qorti li tiddikjara li hija ghandha tali dritt imbaghad tinghata ir-rimjedji skond il-Ligi.

Fil-kaz in ezami l-atturi qed jitolbu r-rimedji minghajr ma ghamlu talba biex il-Qorti tiddikjara li huma ghandhom tali jedd li jintitolahom ghar-rimedji li talbu.

Dak kontenut fil-paragrafu 3 fuq imsemmi jikkostitwixxi il-kawzali principali fic-citazzjoni u hu evidenti li biex jigu milqugha t-talbiet attrici, trid tigi akkolta u accettata l-kawzali li tifforma l-bazi tat-talbiet. Imma dana l-Qorti ma tistax taghmlu minghajr talba li l-atturi ghandhom dritt ta' awtur.

Ghad li l-insistenza fuq formalizmu esagerat m'ghandux jigi inkoraggit u kwalunkwe att gudizzjarju ghandu kemm jista jkun jigi salvat, imma dana dejjem ghandu jsir jekk ikun konformi mal-ligi li titlob l-osservanza ta' certi regoli fil-formulazzjoni tac-citazzjoni li jidher li fil-kaz in ezami ma gewx segwiti.

Fic-cirkostanzi l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuti."

Ara wkoll:
PA 4/3/57 **Michael Cachia vs SAC Dennis Jacques**
App CS 23/4/01 **Adrian de Haan nomine vs Dr Tonio Farrugia et**
PA 30/4/03 **Rev G Schembri vs Saqqajja Caterers Limited**
PA 21/2/02 **Miller Distributors Limited vs Anthony Borg et**
App CS 30/5/97 **Mary G Farrugia vs Stephen Farrugia et.**

Ghal dawn il-motivi tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti Meli Car Rentals Limited, Anthony Camilleri, Kevin Xuereb Vella, Anthony Meli u Dr. Reuben Farrugia.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghalhekk il-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni, fil-waqt li tilqa' t-tieni eccezzjoni.

Spejjez kontra l-attrici hlief dawk referibbli ghall-ewwel eccezzjoni li huma a karigu ta' Meli Car Rentals Limited, Anthony Camilleri, Kevin Xuereb Vella, Anthony Meli u Dr. Reuben Farrugia.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------